# Isem il-Ħamrun



**L-ismijiet** ta' bliet u rħula li jinsabu mifruxa tul il-medda ta' art żgħira li għandhom il-gżejjer tagħna, huma minjiera ta' tagħrif li minnu tista' tinkiseb informazzjoni siewja dwar l-imgħoddi. Ħafna, nafu kif oriġinaw, biss għad fadal ismijiet ta' mkejjen li baqgħu iżommu mistur l-oriġini ta' l-isem tagħhom. Fost dawn insibu IL-ĦAMRUN.

Din hija ħaġa pjuttost stramba billi, imqabbel ma' mkejjen oħra ta' Malta, il-Ħamrun huwa relattivament subborg modern storikament u għalhekk ma għandux ikun diffiċli li nkunu nafu kif oriġina l-isem tiegħu. Milli jidher, minkejja li l-post kif nafu jaf il-bidu tiegħu lil żminijiet riċenti, m'hux hekk jista' jingħad għall-isem tiegħu.

Ħafna drabi isem ta' post jew lokal jissawwar minn rabta ma' xi ħaġa li jkun assoċjat magħha u hekk, kull meta jitlissen, f'moħħ min jisma' dan l-isem, jiġġeddu r-rabtiet jew it-tifkiriet li għalih ikun ingħata. Biss, jekk dan ma jinkiteb xejn dwaru mill-bidu tat-twaqqif tiegħu, mal-mogħdija taż-żmien, ħsieb il-bniedem jibda jittappan u l-memorja ma tibqax tiftakar. Jibqa' biss l-isem fuq ilsien kulħadd maqtugħ mill-għeruq ta' l-istorja tiegħu.

Ħafna drabi l-poplu jaħsel jorbot isem ma' mkien u jiġri x'jiġri mingħajr ħadd ma jaf għala, jibqa' jirreferi għalih b'dak l-isem. Ngħidu aħna għal Bormla, kulħadd baqa' jirreferi għaliha hekk, rari b'Cospicua, l-isem mogħti żmien ilu mill-Kavallieri. L-istess għall-belt Valletta li kulħadd jafha b' *'il-belt'*. Hekk, fl-aħħar anke l-awtoritajiet ikollhom jaddottaw dak l-isem kif probabbilment ġara bl-isem tal-Ħamrun. Minkejja li l-lokal kienu jirreferu għalih mod ieħor, l-isem li sebaq kull isem ieħor kien 'il-Ħamrun'. Alfie Guillaumier, fil-ktieb tiegħu *Bliet u Rħula Maltin* (pp 289-290), jgħidilna li sat-Tlieta 15 ta' Mejju 1888, fir-reġistru elettorali, l-inħawi ma kinux magħrufa b'dan l-isem, biex ftit jiem wara, it-Tnejn, 2 ta' Lulju ta' l-istess sena, ir-reġistru elettorali rrefera għal dawn l-inħawi bħala "Il-Ħamrun". Kif jgħid tajjeb l-awtur, wisq probabbli li mal-poplu, dawn l-inħawi kienu magħrufa b'hekk u għalhekk l-awtoritajiet ma kellhomx għażla oħra għajr dik li jaddottaw dak l-isem.

X'kienet ir-raġuni li ngħażel dan l-isem? Diffiċli wieħed jaqbad u jgħid, għad li wieħed jista' jkollu l-interpretazzjoni personali tiegħu ta' kif seta' ġara dan, naturalment b'mod oġġettiv u mingħajr fantasija, għaliex ħafna drabi jiġri li nħallu l-immaġinazzjoni tagħna tiġri bina. Fil-ktieb tiegħu Guillaumier isemmi għadd ta' possibbiltajiet li jingħataw minn dak u minn l-ieħor. L-ewwel raġuni, dik ta' 'Ħamrija ħamra' ngħid is-sew ma tantx tinżilli, iżda l-oħra tal-laqam "Ħamrun" ta' familja li kienet tgħammar fil-qalba u li għadu jeżisti sa llum, inħoss li għandha ħafna aktar bażi.

L-isem jidher li ssawwar minn fomm il-poplu nnifsu. Meta jiġri hekk ma tantx tkun ħaġa faċli li jkun magħruf għala ġara dan u biex ikun hemm xi konklużjoni irid isir xogħol ta' riċerka bir-reqqa. Biex nitkixxef aktar dwar dan l-isem mill-ewwel ġieni l-ħsieb nikkonsulta l-ktieb monumentali ta' l-istoriku Professur Godfrey Wettinger *'Place names of the Maltese islands'*. F'qalbi għidt li hemm żgur kelli nsib riferenza għall-Ħamrun. Għarrali, għax



Table No 1. STATEMENT of Mortality in MALTA

| Causes of death | Males | Females | Both Sexes | Valletta | Floriana | Misida & Pietà | St. Julians & Sliema | San Giuseppe | Cospicua | Vittoriosa | Senglea | Notabile & Rabato | Dingli | Zebbug | Siggieui | Birchircara | Lia, Attard, & Balzan | Naxaro |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A. | 97 | 79 | 176 | 28 | 13 | 2 | 2 | 6 | 17 | 6 | 6 | 3 | 2 | 7 | 5 | 3 | : | 2 |
| Diseases dependent on morbid poisons. Sub-Group No. 1. | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Whooping-cough | 1 | 1 | 2 | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | 2 | : | : | : | : |
| Diphtheria | 1 | 2 | 3 | : | : | : | : | : | : | : | : | 1 | 2 | : | : | : | : | : |

Lista ta' mwiet fil-lokalitajiet ta' Malta kif moqrija fil-Government Gazette tal- 15 ta' Mejju 1888 fejn il-lokal tagħna jidher imniżżel bħala San Giuseppe



SEZIONE SECONDA.

Hamrun.

| | | |
|---|---|---|
| 29 | Abdilla, Antonio | Via S. Giuseppe 13 |
| 13 | Agius, Giuseppe | Nell' Istituto delle Pi cole Suore di Cari |
| 44 | Aquilina, Felice | 7 |
| 60 | Aquilina Giorgio | 11 |
| 4 | Aquilina, Giuseppe | 3 |
| 55 | Attard, Giuseppe | 23 |
| 59 | Axisa, Emmanuele | 4 |
| 15 | Azzopardi, Carmelo | Ta Blacas Building |
| 9 | Azopardi, Salvatore | 254 |
| 10 | Azzopardi, Gabriele | 20 |
| 19 | Balzan, Arturo P. | 254 |
| 12 | Balzan, Lorenzo P. | 20 |
| 6 | Bartolo, Vincenzo | Nell' Istituto della Pi cole Suore di Carit |
| 9 | Bianchi, Carmelo | 24 |
| 1 | Bianco, Giuseppe | 7 |
| 11 | Blackman, Henry | Ta Blacas Building |
| | Bonnici, Giuseppe | 3 |
| | Borg, Bartolommeo | 170 |
| 62 | Borg, Luigi | 8 |
| 44 | Buttigieg, Antonio | |
| 13 | Calleja, Vincenzo | 13 |
| 29 | Camenzuli, Francesco | 1 |
| 26 | Camenzuli, Giuseppe | 9 |
| 46 | Camenzuli, Nicola | 11 |
| 32 | Camilleri, Casimiro | 254 |
| 34 | Caruana, Calcedonio | 4 |
| 41 | Caruana, Don Carmelo | 20 |

Ir-reġistru elettorali ppubblikat fil-Government Gazette tat-2 ta' Lulju 1888 fejn il-lokal tagħna jidher imsemmi b'mod uffiċjali bħala Ħamrun

meta ftaħt dan il-ktieb bqajt sorpriż m'hux ftit għax ma sibt l-ebda riferenza għalih. Meta ikkuntattjajt l-awtur innifsu u staqsejtu dwar dan, qalli li l-isem 'Il-Ħamrun' ma sabu mniżżel qatt fil-manuskritti l-qodma li ġew f'idejh. Kien għalhekk li l-isem ma kienx fost l-ismijiet imniżżla fil-ktieb tiegħu. Biss kompla jgħidli, li għalkemm il-lokal qatt ma sab riferenza għalih b'dan l-isem, waqt l-istudji tiegħu kien iltaqa' mal-laqam *"Ħamrun"*. Fil-fatt tarrafli tliet riferenzi differenti li kien sab li jmorru lura fiż-żmien b'mijiet ta' snin. Semmieli lil *'Petro Xuereb vocato Chamru.... .....'* li kien jgħix fl-1528, lil *'Francesco Xuereb hamrun... ...'* fl-1546 u lil *'Peri Xuereb hamrun... ...'* fl-1560.

Il-laqam li kienu magħrufa bih dawk il-persuni hu evidenza ċara li l-isem m'hux xi wieħed ġdid, anzi qadim sewwa. Lanqas m'hi xi ħaġa barra mid-dinja li l-laqam baqa' ġej sa żmienna u hekk jaf l-oriġini tiegħu minn dawn il-personaġġi.

Dan it-tagħrif kompla jqanqal kurżita' fija aktar u aktar meta sirt naf b'post li jġib l-isem ta' *"Il-Ħamrunija"* fil-Libja qrib Tarhuna, dik il-belt li ukoll għandha rabta storika ma' Malta. Iltqajt ukoll ma' nies, li jgħixu f'dak il-pajjiż ġirien u fi nħawi oħra f'għadd ta' pajjiżi fl-Afrika ta' Fuq, li l-isem tal-familja tagħhom, li hija waħda kbira, kien *'Al Ħamruni'*. Dan l-isem bis-suffiss *'i'* jew *'ija'* għall-femminil, jirreferi għal bniedem li ġej minn post li ismu huwa 'Il-Ħamrun', bħal meta ngħidu 'Żebbuġi' għal wieħed ġej minn Ħaż Żebbuġ, eċċ. Il-kunjom ta' din il-familja jinsab mifrux sew u l-għeruq tagħha jwasslu 'l bogħod fl-istorja. Ma nistax ngħid li hemm xi relazzjoni, imma huwa evidenti li l-isem huwa qrib ħafna ma' l-isem *Ħamrun.*

Fil-linwgi Semitiċi, il-forma tal-kelma Ħamrun, bis-suffiss 'un' tixbaħ lil dik taż-Żejtun u Selmun. It-tliet konsonanti tal-għerq 'ĦMR', ŻJT' u 'SLM' jagħtu bixra Semitika b`xeħta Berbera li bħalhom insibu għadd ta` ismijiet fit-Tramuntana u fil-Majjistral ta` l-Afrika. Biss dawn m`għandhomx forma grammatikali Għarbija. Jista` jkun li kellhom oriġini ferm eqdem. Fil-fatt sew iż-Żejtun u sew Selmun, li t-tnejn insibuhom imniżżla fil-ktieb ta` Wettinger, kienu nħawi magħrufa sa mill-qedem, fil-waqt li l-isem *'Il-Ħamrun'*, għal-lokal, beda jintuża riċentament.

Dawn kollha huma trufijiet li jistgħu jagħtu ħjiel b'aktar tiftix lil min irid ikun jaf aktar. Min jaf, forsi 'l quddiem l-isem 'Il-Ħamrun' insiru nafu aktar dwaru! Tkun ħaġa sabiħa, li qabel ma jgħaddi aktar żmien, inkomplu nitkixxfu ħa nsiru nafu aktar fid-dettall dwar l-isem 'IL-ĦAMRUN' u l-ismijiet ta' l-inħawi l-oħra li jagħmlu parti minnu.

**F.X. Cassar**
**29.06.02**